

32003R1761

8.10.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 254/3

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1761/2003****tas-7 ta' Ottubru 2003****li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2461/1999 għas-sena tas-suq 2003/04 fir-rigward ta' l-użu ta' art imwarrba f'ċerti Stati Membri**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi sistema ta' sostenn għall-produtturi ta' ċerti wċuħ tar-raba' <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1038/2001 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2461/1999 <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 345/2002 <sup>(4)</sup>, jipprovdli li fejn l-art koperat b'kuntratti tinnaqqas bħala riżultat ta' l-emendi tagħhom jew fejn dawk il-kuntratti jiġu tterminati, sabiex jinżammu d-drittijiet tagħhom għall-ħlas, l-applikanti huma meħtieġa li għal darba oħra jwarrbu l-art in kwistjoni u jżommu lura milli jbiegħu, jittrasferixxu jew jużaw materja prima mkabbra mill-art maqtugħa barra mill-kuntratti. Taħt is-sitt subparagrafu ta' l-Artikolu 3(4) ta' dak ir-Regolament, dik id-disposizzjoni tapplika *mutatis mutandis* fejn il-kuntratt jiġi ssostitwit b'dikjarazzjoni.
- (2) Bħala riżultat tan-nixfa kbira li effettwat ċerti reġjuni tal-Komunità għal xi xhur, il-Kummissjoni adottat ir-Regolamenti (KE) Nru 1360/2003 <sup>(5)</sup> u (KE) Nru 1408/2003 <sup>(6)</sup> li jawtorizza eċċezzjonalment lill-bdiewa li jużaw l-art dikjarata bħala mwarrba fir-reġjuni affettwati għall-għalf ta' l-annimali matul is-sena tas-suq 2003/04.
- (3) Minħabba d-diffikultajiet kontinwi biex jinkiseb għalf għall-annimali fir-reġjuni affettwati bin-nixfa, deroga għandha tiġi pprovduta wkoll biex tippermetti l-użu tal-

materja prima mkabbra fuq l-art dikjarata bħala mwarrba taħt ir-Regolament (KE) Nru 2461/1999. Billi dik id-deroga tikkumplimenta d-deroga li hemm provvidiment dwarha fir-Regolament (KE) Nru 1408/2003, din għandha tgħodd mill-istess data.

- (4) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'deroga mill-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2461/1999, applikanti rikonoxxuti bħala affettwati minn-nixfa taħt ir-Regolamenti (KE) Nru 1360/2003 u (KE) Nru 1408/2003, li ġew awtorizzati mill-awtorità kompetenti biex jemendaw jew itemmu l-kuntratt tagħhom jew id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 2461/1999 jistgħu jużaw il-materja prima maħsuda fuq l-art konċernata għall-għalf ta' l-annimali matul is-sena tas-suq 2003/04.

2. L-Istati Membri konċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li l-materja prima msemmija fil-paragrafu 1 ma tintużax għall-finijiet ta' qligħ.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jgħodd mit-18 ta' Lulju 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Ottubru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 160, tas-26.6.1999, pġ. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 145, tal-31.5.2001, pġ. 16.

<sup>(3)</sup> ĠU L 299, ta' l-20.11.1999, pġ. 16.

<sup>(4)</sup> ĠU L 55, tas-26.2.2002, pġ. 10.

<sup>(5)</sup> ĠU L 194, ta' l-1.8.2003, pġ. 35.

<sup>(6)</sup> ĠU L 201, tat-8.8.2003, pġ. 5.